Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 154/2012

Kawza fil-lista: 16

**T X**
**vs**
**L J. X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Ottubru 1989, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Mark A. Sammut ippubblikat fit-3 ta' Awwissu 2005;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tiddikjara li kunjom l-esponenti jirriverti ghal Agius;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; fis-sens illi tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara illi l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe’ Agius. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------